MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 385/1995/2

**Paul Pace**

**v.**

**Mario Camilleri**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell minn sentenza moghtija milll-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta’ Frar 2005. L-appellant Mario Camilleri qieghed jitlob ir-revoka ta’ dik is-sentenza billi jigu michuda t-talbiet attrici u jigu milqugha l-eccezzjonijiet tieghu. Il-kawza tirrigwarda incident bejn zewg roti (*bicycles*). Tajjeb li tigi hawn riprodotta s-sentenza appellata ghax din fiha l-premessi u t-talbiet attrici, l-eccezzjoni tal-konvenut, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti lill-konvenut unikament responsabbli ghal incident li sehh fit-12 ta’ Settembru 1993 u tillikwida d-danni *lucrum cessans* fis-somma ta’ sebat elef mija u sebghin lira (Lm 7,170) u dawk *damnum emergens* fis-somma ta’ wiehed u disghin lira u tlieta u hamsin centezimu (Lm 91.53), bl-imghax jibda jiddekorri mill-prezentata tac-citazzjoni.

“F’din il-kawża l-attur qiegħed ifittex għad-danni li ġarrab meta korra għax igħid illi l-konvenut waqqgħu minn fuq *bicycle*.

“Fiċ-ċitazzjoni l-attur igħid illi huwa kien korra u ġarrab danni meta, fit-12 ta’ Settembru 1993, il-konvenut waqqgħu minn fuq il-*bicycle* tiegħu. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenut biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż.

“Il-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi ma huwiex minnu illi hu waqqa’ lill-attur minn fuq il-*bicycle* u fil-fatt lanqas biss messu.

“B’digriet tat-8 ta’ Jannar 1996 il-qorti ħatret perit legali biex jirrelata dwar il-każ, u b’digriet ieħor ta’ l-4 ta’ Diċembru 1996 ħatret perit mediku biex igħinu. Ir-relazzjoni medika nħalfet fil-5 ta’ Marzu 1997 u dik tal-perit legali nħalfet fil-25 ta’ Settembru 1998. B’digriet tas-26 ta’ Frar 1999 fuq talba tal-konvenut inħatru periti addizzjonali u dawn ħejjew ir-relazzjoni u intaxxaw id-drittijiet tagħhom fis-6 ta’ Frar 2004. Il-konvenut laqa’ n-notifika tat-taxxa tad-drittijiet fis-17 ta’ Frar 2004, iżda ma riedx iħallas. Wara, fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu,

meta l-kawża kienet differita għas-sentenza, fisser illi ma riedx iħallas għax fuq il-kopja tat-taxxa kien hemm miktub illi “d-drittijiet għandhom jitħallsu mill-atturi”. Il-qorti iżda, fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2004, meta l-konvenut laqa’ n-notifika tat-taxxa, kienet fissritlu illi, skond id-digriet tas-26 ta’ Frar 1999 li bih inħatru l-periti addizzjonali, id-drittijiet kellu jħallashom hu. Tatu żmien xahar biex iħallas u wissietu illi, jekk jibqa’ ma jħallasx, ma tqisx il-konklużjonijiet tal-perizji addizzjonali billi r-relazzjoni tagħhom ma tkunx maħlufa. Billi l-konvenut xorta baqa’ ma ħallasx fiż-żmien li ngħatalu, il-qorti iddifferiet il-kawża għas-sentenza bla ma ġiet maħlufa r-relazzjoni addizzjonali.

“Ngħaddu issa biex inqisu l-meritu tal-kawża.

“Il-partijiet it-tnejn huma ċiklisti. Huma rivali ta’ xulxin u, qabel l-inċident li wassal għall-kawża tallum, ġià kellhom storja ta’ antagoniżmu u ta’ ġlied, ukoll bl-idejn, bejniethom, u, minħabba f’episodju ieħor li kien ġara qabel bejniethom, il-konvenut kien ġie sospiż mill-assoċjazzjoni sportiva tiegħu.

“Iż-żewġ partijiet taw verżjonijiet għal kollox differenti ta’ kif seħħ l-inċident. Billi l-inċident ma rah ħadd ħlief il-partijiet infushom, sewwa qal l-ewwel perit legali illi l-kwistjoni f’din il-kawża hija jekk għandekx temmen lill-attur jew lill-konvenut.

“L-attur xehed illi, dakinhar ta’ l-inċident, fit-12 ta’ Settembru 1993, meta hu kien fuq il-*bicycle* tiegħu, ġie l-konvenut, ukoll fuq *bicycle*, u nbuttah fuq il-kilwa tal-lemin. L-attur bid-daqqa tilef l-ekwilibrju, waqa’ u xkana, u weġġa’ sew. Il-konvenut telaq u ħallieh ma’ l-art, u tatu l-għajnuna persuna oħra li nzertat għaddejja bil-karrozza u wasslitu sal-klinika tal-Mosta. L-attur għamel kwerela, u l-pulizija mexxiet kontra l-konvenut. Fis-seduta tat-23 ta’ Novembru 1993 quddiem il-maġistrat, tniżżel dan il-verbal:

“ “L-imputat [il-konvenut tallum] jammetti l-akkużi f’dan l-istadju u jiskuża ruħu għall-inċident u jobbliga ruħu li bl-

ebda mod ma jdejjaq jew jimmolesta lil Paul Pace [l-attur] li min-naħa tiegħu qed jirrinunzja għall-azzjoni kriminali."

"Il-konvenut igħid illi minn dan kollu xejn ma hu minnu. Igħid illi li ġara hu illi hu kien iddispjaċut għax l-assoċjazzjoni sportiva tiegħu kienet issospendietu minħabba fl-inċident l-ieħor li kellu qabel ma' l-attur u deherlu illi, li kieku l-attur kien qal is-sewwa dwar x'kien ġara f'dik l-okkażjoni, ma kinitx tingħatalu s-sospensjoni. Għalhekk, meta ra lill-attur fuq il-*bicycle* dakinhar ta' l-inċident mar jilħqu biex ikellmu "biex igħid il-verità". X'ħin ġew ras imb'ras, u lill-attur qallu li ried ikellmu, l-attur telaq il-*handlebars* tal-*bicycle*, għolla idejh it-tnejn u, bla ma messu l-konvenut, tfixkel u waqa'. L-attur imbagħad qam u, billi deher irrabjat, il-konvenut flok tah l-għajnuna telaq 'l hemm u ħallieh warajh.

"Il-konvenut ċaħad ukoll illi kien ammetta l-akkużi li nġiebu kontrieh mill-pulizija, u jgħid illi l-verbal kien falz u li l-biċċa "geżwirha l-avukat" li kien qiegħed jidher kemm għall-attur kif ukoll għalih.

"Meta ġie biex iqis ix-xhieda taż-żewġ partijiet biex jara lil min sejjer jemmen, l-ewwel perit legali, li kellu l-benefiċċju li sema' lill-partijiet jixhdu u seta' jara l-imġieba tagħhom, deherlu illi aktar seta' joqgħod fuq il-verżjoni ta' l-attur, u l-qorti, wara li qieset sew ix-xhieda u r-raġunijiet tal-perit, taqbel miegħu għal kollox.

"Il-konvenut wera li għandu temperament aggressiv u irraxxibbli; dan seta' jarah il-perit legali waqt is-seduti u setgħet tarah ukoll il-qorti stess waqt is-seduta meta fittxet illi tfisser lill-konvenut illi d-drittijiet tal-periti addizzjonali kellu jħallashom hu. Għalhekk il-qorti aktar temmen illi, meta l-konvenut mar jilħaq lill-attur fuq il-*bicycle*, l-intenzjonijiet tiegħu kienu ostili u aggressivi u ma marx bil-ħsieb illi jirraġunaw flimkien. Jekk imbagħad l-attur waqa' waħdu u mhux għax waqqgħu hu, għala telaq 'l hemm flok tah l-għajnuna? Għandu jingħad illi, skond ix-xhieda tat-Tabib Khan, li kien dewwa lill-attur fil-klinika tal-Mosta minnufih wara l-inċident, l-attur kien fi stat pjetuż: "*he had multiple injuries and he was in great pain and agony … …*

*… His injuries were on the knees, elbows and the flanks where he had large abrasions with loss of skin. He could not walk normally as he was in great pain and he was assisted by someone when he came in*". Biex il-konvenut rah f'dak l-istat wara l-waqa' u ħallieh hemm bilfors illi kien malintenzjonat lejh. Sewwa qal il-perit legali illi "Dan hu komportament aktar kompatibbli ma' dak ta' persuna li tagħti d-daqqa u taħrab minn fuq il-post jew titfa' l-ġebla u taħbi idejha".

"Il-qorti ukoll lanqas temmen lill-konvenut illi l-verbal fejn ammetta l-ħtija ma jgħidx is-sewwa. Il-maġistrat ma kienx sejjer jiddetta verbal ta' ħtija qabel ma jkun aċċerta ruħu illi min qiegħed jammetti jaf sew dak li qiegħed jagħmel u tassew irid jammetti.

"Il-qorti għal dawn ir-raġunijiet temmen illi kien il-konvenut illi dolożament weġġa' lill-attur u għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni.

"Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.

"L-espert mediku sab illi l-attur ibati minn debilità ta' għaxra fil-mija (10%). Lill-konvenut deherlu illi dan hu wisq, u illi l-qorti għandha toqgħod minflok fuq il-parir ta' kirurgu ieħor, illi kien ikkonsultah l-attur stess *ex parte* u illi f'ċertifikat maħruġ fl-14 ta' Lulju 1994 kien qal illi d-debilità hija ta' erbgħa fil-mija (4%) biss.

"Il-qorti, wara li qieset illi r-rapport ta' l-espert maħtur minnha sar fil-5 ta' Marzu 1997, aktar minn tliet snin wara, meta allura l-kondizzjoni ta' l-attur kienet konsolidata aktar milli kienet meta nħareġ iċ-ċertifikat ta' l-14 ta' Lulju 1994, u qieset ukoll illi, meta ħejja r-rapport tiegħu, l-espert mediku seta' jqis ukoll il-fehma tal-kirurgu l-ieħor, hija tal-fehma illi aktar għandha toqgħod fuq l-opinjoni ta' l-espert maħtur minnha. Il-konvenut seta', kieku ried, kiseb opinjoni ta' periti addizzjonali, iżda, għalkemm talab il-ħatra ta' periti addizzjonali, u b'hekk wassal biex il-kawża twalet għalxejn b'ħames snin, kif rajna ma riedx iħallas għar-rapport addizzjonali li baqa' mhux maħluf.

“Il-perit legali, wara li qies illi l-attur kellu tlieta u tletin (33) sena meta korra, u li, dak iż-żmien, kellu dħul ta’ bejn wieħed u ieħor erbat elef lira (Lm4,000) fis-sena, ħadem fuq *multiplier* ta’ ħmistax-il (15) sena u fuq dħul medju ta’ erbat elef, seba’ mija u tmenin lira (Lm4,780) fis-sena. Hekk, wara li qies id-debilità ta’ għaxra fil-mija (10%) wasal għal figura ta’ sebat elef, mija u sebgħin lira (Lm7,170) bħala *lucrum cessans*. Qal ukoll illi għandu jsir tnaqqis ta’ għoxrin fil-mija (20%) minħabba l-*lump sum payment*.

“Il-qorti ma taqbilx wisq mal-kalkoli tal-perit legali, li, fil-fehma tagħha, kienu mhux biss konservattivi għall-aħħar iżda saħansitra tasal biex issejħilhom xħaħ ukoll. Madankollu, billi l-attur ma għamel ebda kritika tal-konklużjonijiet tal-perit, il-qorti tifhem illi huwa sodisfatt u għalhekk sejra toqgħod fuq iċ-ċifra li wasal għaliha l-perit. Billi, iżda, l-attur ma hu sejjer jieħu ebda benefiċċju billi jitħallas *lump sum*, għax sejjer jitħallas kważi tnax-il (12) sena wara li seħħ l-inċident, ma għandux isir it-tnaqqis ta’ għoxrin fil-mija (20%).

“Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta’ sebat elef, mija u sebgħin lira (Lm7,170).

“Bħala *damnum emergens* il-perit illikwida s-somma ta’ wieħed u disgħin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm91.53). Għalkemm ir-riċevuti esebiti mill-attur ma kinux oriġinali iżda kopja, il-qorti hija tal-fehma illi din is-somma hija raġonevoli u għalhekk sejra toqgħod fuqha wkoll u tillikwida d-*damnum emergens* fis-somma ta’ wieħed u disgħin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm91.53).

“Id-danni b’kollox għalhekk huma ta’ sebat elef, mitejn u wieħed u sittin lira u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm7,261.53).

“Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta’ l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut u tgħid illi l-inċident li fih korra l-attur seħħ bi ħtija tal-konvenut waħdu, tillikwida d-danni fis-somma ta’ sebat elef, mitejn u wieħed u sittin lira

u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm7,261.53) u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

"Billi l-kawża twalet bi ħtija tal-konvenut, li talab għalxejn il-ħatra ta' periti addizzjonali, u dan id-dewmien ma għandux ikun ta' benefiċċju għall-konvenut u ta' telf għall-attur, u wkoll għax *lite contestata usuræ currunt*, l-imgħax jibda jgħaddi minn dakinhar tal-preżentata taċ-ċitazzjoni."

**L-appell tal-konvenut Mario Camilleri**

**2.** B'rikors ipprezentat fil-25 ta' Frar 2005 il-konvenut appella mis-sentenza hawn fuq riportata. Huwa ressaq erba' aggravji. L-appellant l-ewwelnett qieghed jillamenta illi l-attur (l-appellat odjern) ma ressaqx provi sodisfacjenti – cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp civili – dwar kif verament sehh l-incident. Pedissekwu ghal dan, it-tieni aggravju huwa dwar il-fatt illi l-ewwel Qorti tat aktar kredibbilita` lill-verzjoni ta' l-attur milli lil tieghu. Fit-tielet lok, l-appellant jillanja illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieh fuq il-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dana principalment peress illi l-proceduri penali huma separati u distinti minn dawk civili. Fl-ahharnett, ir-raba' aggravju tal-appellant jirrigwarda l-ammont ta' danni li gie likwidat mill-ewwel Qorti, u f'dan ir-rigward jilmenta principalment mill-fatt illi l-Qorti ma naqset l-ebda percentwali mis-somma kalkulata bhala danni minhabba l-*lump sum payment*. Skond l-appellant, ma kienx tort tieghu li l-kawza damet daqshekk.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**3.** L-ewwel zewg aggravji tal-appellant jistghu jigu kkunsidrati flimkien. Fil-kaz in dizamina, kollox jiddependi fuq il-kredibbilita` o meno ta' l-attur u tal-konvenut. Dawn iddeponew quddiem il-Perit Legali, l-Avukat (illum Imhallef) Dott. J. Galea Debono. Dawn id-deposizzjonijiet gew riprodotti *verbatim* fir-relazzjoni peritali. Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ezaminat bir-reqqa id-dseposizzjonijiet kollha (inkluza, allura, anke dik ta. P.S. 667 Edgar Borg, fol. 40) moghtija quddiem l-imsemmi perit, kif ukoll ir-ragunament tieghu li wasslu biex jemmen il-verzjoni ta' l-attur u jiskarta dik tal-konvenut (fol.

42 sa 45), u mhux biss ma tara li hemm ebda raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-konkluzzjoni raggunta mill-perit u kondiviza mill-ewwel Qorti, izda addirittura taqbel perfettament ma' tali konkluzzjoni u ma tarax kif il-konkluzzjoni – dwar kif graw l-affarijiet u kif u ghala l-attur spicca fl-art – setghet kienet xort'ohra. Jizdied jinghad biss ghall-fini ta' kompletezza li, kif gie ritenut mill-Qrati taghna: *"F'sitwazzjoni konsimili, ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi l-kriterju distintiv ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni izda jekk dik l-ispjegazzjoni hijiex verosimili. Huwa mbaghad pacifikament akkolt illi f'kaz ta' kuntrast bejn zewg verzjonijiet 'mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' 'in dubio pro reo" –* ***Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia****, Prim Awla, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966."* [1]

Ghalhekk l-ewwel zewg aggravji qed jigu respinti.

**4.** It-tielet aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieh fuq l-ammissjoni tal-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Fir-rikors ta' appell tieghu, l-appellant qieghed jghid illi huwa ma kienx jaf x'kien qed jigri fil-Qorti tal-Magistrati u li l-unika haga li ried f'dak il-istadju kienet illi "l-kwistjoni tieqaf hemm." Issa, meta wiehed jara l-verbal registrat fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 1993 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Pio Pisani) v. Mario Camilleri**, hemm miktub:

**"L-imputat jammetti l-akkuzi f'dan l-istadju u jiskuza ruhu ghall-incident u jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma jdejjaq jew jimmolesta lil Paul Pace li minn naha tieghu qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali."**

Is-sottomissjoni ta' l-appellant li huwa ammetta il-htija tieghu ghax ried li l-kwistjoni tieqaf hemm, jew li ma fehemx x'kien qed jigri, jew (kif qal quddiem il-Perit Legali) ghax "il-bicca tax-xoghol [kien] gezwirha l-avukat" ma hix,

[1] **Charles Grech v. NMJ Co. Limited u Emmanuel sive Noel Mifsud** – Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14/1/2004

fic-cirkostanzi u fid-dawl tal-provi prodotti, wahda verosimili. L-appellant f'ebda hin ma tella' jixhed lill-Avukat Dott. Jose Herrera, li huwa jghid li "gezwer" ossia hawwad il-bicca xoghol kollha ghax kien qed jippatrocinja kemm lilu (lil Camilleri) kif ukoll lil Pace, kif kellu kull opportunita` li jaghmel. Apparti minn hekk din il-Qorti tirravviza element ta' kontradizzjoni f'dak li xehed l-appellant quddiem il-Perit Legali meta qal *"Dak in-nhar kelli Avukat lil Jose Herrera u Pace kellu l-istess Avukat"* [2] u dak li jghid fir-rikors ta' appell tieghu u cioe` li hu "ma kienx assistit minn konsulent legali". F'dan l-istadju ta' min jonnota wkoll illi ghalkemm il-konvenut xehed illi huwa ma kienx xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati[3], meta wiehed jara l-verbal ta' dik is-seduta hemm imnizzel illi l-appellant, hemm imputat, kien fil-fatt xehed[4]. Dan kollu juri illi l-appellant qatt ma kien konsistenti fis-sottomissjonijiet tieghu u dan jirrifletti minghajr ebda dubju fuq il-kredebbilita` tieghu.

Fir-rigward tas-sottomissjonijiet ta' l-appellant illi l-proceduri kriminali ghandhom jinzammu separati mill-proceduri civili, ghalkemm l-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali jghid proprju dan ossia -- *"L-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement wahda mill-ohra"* -- fic-cirkostanzi ta' din il-kawza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni anke l-Artikolu 632(1) tal-Kapitlu 12 li jipprovdi illi *"Kull dikjarazzjoni maghmula mill-parti kontra taghha nfisha, u kull kitba ohra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistghu jingiebu bi prova."* Sakemm ma jigix pruvat, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dik id-dikjarazzjoni – f'dan il-kaz il-verbal – kienet menzonjera jew ghall-anqas ma kinitx tirrispekkja dak li verament ried jinghad, dik id-dikjarazzjoni tista' tittiehed bhala prova. Ghalhekk, ghalkemm iz-zewg proceduri jinzammu separati, dak li jsehh f'wahda mill-proceduri jista' jingieb bhala prova fil-procedura l-ohra. Dan il-principju gie sancit diversi drabi mill-Qrati taghna. Fil-kawza **Vincent Briffa pro et noe v. Vincent Oliver**

---

[2] Fol. 41, *in calce*.
[3] "Jien nghid li ma xehedtx ghax l-Avukat tieghi ma hallinix" – fol. 42, *a capo*.
[4] "Xehed PS 667 Edgar Borg. Xehed Paul Pace. Xehed George Gauci. Xehed Doctor A. Khan. Xehed l-imputat…".

**Abela pro et noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Marzu 2003, intqal:

**"Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet Paolo Abela -vs- Antonio Bonnici et noe, Prim Awla, 23 ta' Jannar 1958 illi "ma jidhirx fil-ligi li hemm xejn kuntrarju ghall-esebizzjoni f'kawza civili ta' kopja ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti.";**

**"Dan l-insenjament jaghmel rikjam ghal dak traccjat fid-decizjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet Carmelo Camilleri -vs- Gejtu Cassar, 1 ta' Dicembru 1955 fejn jinghad a propozitu dan:-**

**""Mill-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali, jigifieri ta' l-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet, tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi ta' l-azzjoni simili ghandhom isiru ex integro quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk ta' l-azzjoni kriminali, anke ex integro quddiem il-Qorti Kriminali; pero` xejn ma josta illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi, ghall-fini ta' attendibilita` taghhom u ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Minn hawn jidher ukoll illi konformament ghar-regola relattiva ghall-provi, tista' tigi prodotta f'kawza civili, li tkun ghadha pendenti, kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fuq dawk l-istess fatti; u dan in forza ta' l-Artikolu 627(e) tal-Kap 12." F'dan is-sens hi l-gurisprudenza taghna (Vol. VI P I p 143 u Vol. XXVII P I p 617).**

**"Naturalment il-gudizzju in sede penale jikkostitwixxi biss wahda mill-provi pero` hi prova importanti anke ghaliex ukoll kull prova hi ammissibbli jekk hi logikament rilevanti ghall-kwistjoni fil-kawza bejn il-partijiet (Artikolu 558 tal-Kapitolu 12);"**

Dan kollu japplika wkoll ghall-verbali. Ghalhekk dan it-tielet aggravju tal-appellant ma jistax jigi akkolt u ghalhekk qieghed jigi michud.

**5.** Ir-raba' u l-ahhar aggravvju ta' l-appellant jirrigwarda l-fatt illi l-ewwel Qorti ma naqsitx percentwali ta' ghoxrin fil-mija (20%) mill-*lump sum payment*. Jinghad mill-ewwel li

fir-rigward ta' dan it-tnaqqis, il-Qrati taghna mhux dejjem applikaw l-istess ragunament. Izda fil-maggoranza tal-kazijiet il-fattur li gie konsiderat l-aktar huwa t-trapass ta' zmien minn meta gara l-incident sa meta giet deciza l-kawza u meta, ghalhekk, gew assenjati d-danni. F'dan il-kaz in partikolari, il-Qorti tinnota illi l-incident gara fil-1993, l-kawza intefthet fil-1995 u giet deciza fil-2005. Jinghad mill-ewwel li d-dewmien ma kienx dovut ghal xi nuqqas tal-Prim Awla. Ghalhekk ghaddew tnax-il sena mill-incident u ghaxar snin minn meta infethet il-kawza. Inoltre, hemm fatturi ohra li ghandhom jigu konsiderati meta wiehed jara jekk ghandux ssir dan it-tnaqqis jew le, bhalma huma r-rata ta' inflazzjoni u l-awmenti fil-pagi u salarji. Fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Agius v. Joseph u Angelo ahwa Galea, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Windsor Co. Ltd.** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Lulju 1989, dik il-Qorti, meta bdiet tikkonsidra jekk kellux ikun hemm tnaqqis jew le mill-*lump sum payment*, qalet illi kontra r-ragunament illi ghandu jsir tnaqqis minhabba l-fatt illi l-vittma se tircievi kapital f'daqqa, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fatturi ohra:

**"Din il-Qorti jidrilha illi fl-iskala ta' possibilitajiet – mhux ta' probabbilitajiet – dawk il-fatturi jirrizultaw, fil-hajja tal-lum, lievi jekk fuq in-naha l-ohra tal-mizien jitpoggew zewg fatturi pezanti li avverraw ruhhom b'regolarita` impressjonanti fl-istorja ta' l-umanita` f'dawn il-ahhar 40 sena – ir-rata ta' inflazzjoni li inezorabilment tgerrem il-valur tal-flus u l-inkapacita` ta' dawn li jzomm il-pass li bih joghla l-valur tal-beni tal-hajja.**
**…**

**"Il-fattur l-iehor fil-keffa tal-mizien huwa li fl-istess perjodu, t-tendenza kostanti u infrenabli ghall-awmenti fil-pagi u salarji biex jaghmlu tajjeb kemm ghall-inflazzjoni u kemm ghaz-zmien fil-livell tal-kwalita` tal-hajja konsumistika ta' l-umanita`.**

**"Dawn il-fatturi fil-fehma tal-Qorti huma ta' rilevanza enormi u jimmilitaw kontra l-vittma li se jircievi kumpens relattivament statiku kontra d-dinamizmu**

**ekonomiku tal-hajja ta' zmiena – Altru milli tnaqqas mis-somma li se tircievi f'daqqa l-vittma."**

Ghalhekk minhabba l-fatt li kien hemm diga` trapass ta' zmien sostanzjali mid-data ta' l-incident u a bazi tal-konsiderazzjonijiet hawn iccitati, din il-Qorti taqbel ma' dak li gie deciz u konsiderat mill-ewwel Qorti.

**<u>Decide</u>**

**6.** Ghal dawn il-motivi, tichad il-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu kollha mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------